

*Trade mark kontenjuža kkonċernata: Applikazzjoni għal trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea (Rappreżentazzjoni ta' furketa fuq sfond aħdar) — Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 474 356*

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni*

*Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-20 ta' Frar 2019 fil-Każ R 1213/2018-4*

### **Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO u lill-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell għall-ispejjeż tal-kawża, inklużi l-ispejjeż neċċessarjament sostnuti mir-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Appell.

### **Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 46(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fl-20 ta' April 2019 — gastivo portal vs EUIPO — La Fourchette (Rappreżentazzjoni ta' furketa fuq sfond aħdar)**

**(Kawża T-267/19)**

(2019/C 230/70)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

### **Partijiet**

Rikorrenti: gastivo portal GmbH (Bremen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: O. Spieker, A. Schönfleisch, N. Willich and N. Achilles, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: La Fourchette SAS (Pariġi, Franza)

### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

Applikant għat-trade mark kontenjuža: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenjuža kkonċernata: it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea (Rappreżentazzjoni ta' farketta fuq sfond aħdar) — Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 474 356*

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni*

*Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' Frar 2019 fil-Każ R 1211/2018-4*

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralij jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO u lill-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell għall-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż li r-rikorrenti kellha ssostni quddiem il-Bord tal-Appell.

**Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 46(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2017/1001.

—————

**Rikors ippreżentat fl-4 ta' Mejju 2019 — Vanhoudt et vs BEI**

**(Kawża T-294/19)**

(2019/C 230/71)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Patrick Vanhoudt (Gonderange, il-Lussemburgu) u disa' rikorrenti oħra (rappreżentant: A. Haines, barrister)

Konvenut: Bank Ewropew tal-Investiment (BEI)

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitkolbu li l-Qorti Ĝeneralij jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-BEI tal-31 ta' Jannar 2019 li tirrifjuta li tikkumpensahom għat-telf mhux ikkumpensat tagħhom u li tirrifjuta li taqsam l-għodda ta' simulazzjoni SPAC u r-riżultati tiegħu;
- barra minn hekk, jew sussidjarjament, tikkundanna lill-BEI jikkumpensahom għad-dannu morali li rriżulta mid-deċiżjoni tal-BEI li ma jużax l-għodda ta' simulazzjoni SPAC u/jew ir-riżultati tiegħu;
- tikkundanna lill-BEI sabiex jiżvela l-għodda ta' simulazzjoni attwarja SPAC u r-riżultati tiegħu fil-forma ta' kopji stampati tas-simulazzjonijiet attwarji sabiex ir-rikorrenti jkunu jistgħu jevalwaw it-telf tagħhom mhux ikkumpensat u, għaldaqstant, in-natura xierqa jew le tal-miżuri kumpensatorji li l-BEI applika fir-rigward tagħhom wara r-riformi fil-pensjoni u fir-remunerazzjoni tagħhom;